

# News Releases



## L-Istruttura tad-Dejn tal-Gvern Ġenerali: 2022

NR097/2023 Data tal-Ħruġ: 1 ta' Ġunju 2023

*Fi tmiem l-2022, id-Dejn tal-Gvern Ġenerali laħaq id-€9,003.4 miljun, jew 53.4 fil-mija tal-PDG, li huwa żjieda ta' €739.5 miljun fuq l-2021.*



Fis-sena 2022, il-qasam tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji kellu l-akbar sehem fid-Dejn tal-Gvern b'60.4 fil-mija. Dan kien segwit mill-Bqija tad-Dinja b'sehem ta' 22.0 fil-mija. Is-sehem fid-dejn tal-Istituzzjonijiet li jservu lid-djar mingħajr għan ta' qligħ (NPISH) kien ilaħħaq il-15.7 fil-mija, li huwa tnaqqis ta' 7.6 punti perċentwali meta mqabbel mad-dejn li kellhom fl-2019. Il-qasam tal-Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji kellu 1.9 fil-mija tad-dejn. Bejn l-2019 u l-2022, il-qasam tal-Bqija tad-Dinja kellu l-akbar żjieda fiż-żamma tad-dejn tal-Gvern, b'żjieda ta' 6.9 punti perċentwali (Tabella nru 1).

### Ċart 1. Id-dejn tal-Gvern Ġenerali




It-titoli tad-dejn, li jinkludu l-Istokks tal-Gvern ta' Malta u l-Kambjali tat-Teżor, huma l-istrument tad-dejn preferut mill-Gvern, b'€7.7 biljun, jew 85.1 fil-mija, tad-dejn kollu fl-2022. Strumenti oħrajn tad-dejn huma s-Self u l-Munita b'9.6 fil-mija u b'5.3 fil-mija, rispettivament. L-akbar żjieda kienet irreġistrata fit-Titoli tad-Dejn (€820.9 miljun), li hija qabelxejn marbuta mal-ħlas tan-nefqiet tal-Baġit, ikluż il-ħlas għall-miżuri ta' għajnuna għall-Enerġija u l-ħlas sabiex jittaffew l-effetti tal-Pandemija tal-Covid-19 (Tabella nru 2).

### Ċart 2. Detenturi tad-dejn bil-qasam istituzzjonali (%)




### Ċart 3. Id-dejn bl-istrument finanzjarju (%)




### Ċart 4. Id-dejn nominali mqabbel mad-dejn tas-suq

€ miljuni




Kważi d-dejn kollu li l-Gvern għandu jagħti qiegħed fil-munita nazzjonali (Tabella nru 3).

L-ispiża apparenti tad-dejn, li hija r-rata tal-imgħax applikabbli fuq id-dejn nominali kollu, kienet ta' 1.9 fil-mija fl-2022, meta mqabbla mat-3.3 fil-mija fl-2019. Il-qies tal-ispejjeż tas-self jirrifletti r-rati tal-imgħax fiż-żmien meta jkun sar it-tislif, u minħabba li d-dejn huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu għal żmien twil, dan l-indikatur mhux sensittiv għar-rati tal-imgħax ta' dan iż-żmien (Tabella nru 4).

Għall-2022, il-valur tas-self tal-Gvern fis-suq huwa stmat li jiswa mat-€8.4 biljun, meta mqabbel mal-valur nominali ta' €9.0 biljun. Filwaqt li d-dejn nominali żdied b'€739.5 miljun, id-dejn bil-prezz tas-suq naqas b'€734.2 miljun minħabba l-inflazzjoni għolja u ż-żjidiet fir-rati tal-imgħax li ġew warajha (Tabella nru 5).

Fis-sena miflija minn din l-istqarrija, l-istruttura taż-żmien tad-dejn skont il-maturità inizjali turi li €2.8 biljun, jew 31.4 fil-mija, tad-dejn kien ħareġ b'maturità ta' bejn 15 u 30 sena. Wara dan, kien hemm id-dejn li jagħlaq fi żmien ta' minn sena sa ħames snin (16.2 fil-mija), ta' minn ħames snin sa seba' snin (13.9 fil-mija), ta' minn seba' sa għaxar snin (13.6 fil-mija), ta' minn għaxra sa ħmistax-il sena (10.3 fil-mija), ta' inqas minn sena (10.3 fil-mija) u ta' aktar minn tletin sena (4.3 fil-mija) (Tabella nru 6).

Id-dejn sħiħ tal-2022, kien baqagħlu medja ta' tmien snin u erba' xhur sabiex jagħlaq, li huma seba' xhur anqas minn dak fl-2021 u xahrejn anqas minn dak fl-2019. Fl-2022, il-biċċa l-kbira tad-dejn, €2.3 biljun, kien baqagħlu bejn sena u ħames snin sabiex jagħlaq. Warajh, kien hemm dak b'maturità ta' bejn sebgħa u għaxar snin (€1.8 biljun) u dak ta' anqas minn sena (€1.3 biljun) (Tabella nru 7).

### Ċart 5. Id-dejn bil-maturità inizjali u b'dik li baqagħlu

€ miljuni




Fl-2022, il-garanziji tal-Gvern fuq is-self kienu jlaħħqu l-€1.2 biljun, jew 6.9 fil-mija tal-PDG. Dan huwa tnaqqis ta' €50.1 miljun fuq l-2021. L-akbar għadd ta' garanziji tal-Gvern kienu maħruġin għall-qasam tal-Korporazzjonijiet Mhux Finanzjarji, li kienu jgħoddu 61.8 fil-mija tal-garanziji kollha. L-oqsma tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji, tal-Bqija tad-Dinja, u tal-NPISH ingħataw 34.4, 3.0 u 0.7 fil-mija ta' dawn il-garanziji, rispettivament. Il-garanziji tal-Gvern huma obbligazzjonijiet kontinġenti għal dak li jista' jinqala', u għalhekk ma humiex inklużi mad-dejn tal-Gvern (Tabella nru 8).

Iċ-ċifri tad-dejn tal-Gvern li qed jiġu rrappurtati f'din l-istqarrija jaqblu man-notifika tal-EDP ta' April 2023 kif maħruġa fl-Istqarrija tal-Aħbarijiet Nru 067/2023 bid-data tal-21 ta' April.

### Ċart 6. Il-benefiċjarji tal-garanziji tal-Gvern bil-qasam istituzzjonali

